bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Isihara Yuichi
Taniguchi Katsuyoshi
Sugiyama Mineyuki
Uchida Keiichiro
Hirose Chieko
Oyama Toshihiro
Goto Yumiko
Morimoto Yoshihito
Kamei Ruriko
Ota Mayumi
Sekine Norio

Illum, 1 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli f'dawn l-aħħar xhur qabel is-17 ta' ġunju, 2002, f'diversi postijiet f'Malta ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport jew użaw jew kellhom għandhom passaport li huma jafu li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;
2. talli fis-17 ta' ġunju, 2002, dwar xi nformazzjoni li għandha tiġi mogħtija skond jew għal finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, taw jew ġiegħlu li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta fatti foloz;
3. talli fl-istess żmien għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita mill-Liġi tiddikjara lill-imsemmija persuni bħala mmigranti pprojbiti u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' lulju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati kollha ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannhomx għal

piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Inoltre, rat l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjarhom immigranti pprojbiti u tordna t-tneħħija tagħhom minn dawn il-Gżejjer.